## Magistrat
## Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**V**

**ANTON VASSALLO**

**Illum,18 ta' Dicembru, 2001**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTON VASSALLO** ta’ tnejn w ghoxrin sena bin Carmelo u Rosemarie nee Pullcino, imwieled Pieta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Settembru, 1978 u joqghod St. Joseph House, Triq Felice, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita numru 495978M, kkommetta diversi serqiet liema atti gew maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a. Mill-klabb tal-Waterpolo f'Wied il-Ghajn fis-sajf tal-1999 bil-lejl kkommetta serq ta' diversi oggetti li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' mitt lira maltin izda inqas

minn elf lira maltin ghad-dannu tad-dirigenti tal-istess klabb, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin.

b. Talli mill-hanut bl-isem Joswill Bar and Restaurant f'Wied il-Ghajn fil-lejl ta' bejn d-dsatax u l-ghoxrin ta' Lulju, 2000 flimkien ma persuna ohra kkommetta serq ta' flus kontanti, xorb alkoholiku u hi fi equipment li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Carmelo Buttigieg, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin.

c. Talli mill-hanut bl-isem Knights Bar and Restaurant f'Wied il-Ghajn fil-lejl ta'bejn l-erbgha w l-hamsa ta' April, 2000 flimkien ma persuna ohra kkommetta serq ta' flus kontanti, sigaretti, xorb alkoholiku u hi fi equipment li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Alan Grima, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin.

d. Talli mill-hanut bl-isem Knights Bar and Restaurant f'Wied il-Ghajn f'Awissu bil-lejl flimkien ma persuna

ohra kkommetta serq ta' flus kontanti, sigaretti, xorb alkoholiku u hi fi equipment li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Alan Grima, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin.

e. Talli fi tlett xhur ta' qabel l-ghoxrin ta' Awissu, 2000 mill-garaxx bl-isem Tal Grazzja li hu sitwat f'Hal Far, flimkien ma persuna ohra kkommetta video recorder u monitor li jiswew aktar minn mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa.

f. Talli f'Malta f'dawn l-ahhar xhur xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa liema oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex jbieghhom jew jmexxihom.

g. Talli fl-istess zminijiet, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara voluntarja fl-imsemmija stabbilimenti liema hsara tiskorri s-somma ta' hamsin lira maltin izda inqas minn

hames mitt lira maltin ghad-dannu tas-sidien rispettivi taghhom.

h. Talli sar recidiv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat sebgha w ghoxrin ta' Marzu, 2001 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-Qorti tat-hdax ta' Dicembru, 2001 fejn l-imputat iddikjara li m'ghandhux oggezjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan wara li nghata zmien xieraq biex jwiegeb.

Semghet lil imputat jirrergistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif addebitati lilu u dan permezz ta' verbal registrat fl-atti nhar l-hdax ta' Dicembru, 2001 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 18, 261, 263, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 334, 325(b), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe mill-mument ta' tehid tal-istqarrija u cioe nhar l-ghoxrin ta' Awissu, 2000, kif jirrizulta minn ezami tal-istess dokument esibit f'dawn l-atti markat bhala dokument CSH 3. Illi din l-ammissjoni tal-imputat kif tirrizulta mill-istqarrija tieghu ghandha tinghata konsiderazzjoni qawwija ghaliex l-fatt li reati bhal dawn in dezamina jrendu l-kompitu tal-Pulizija difficili stante principalment l-hinijiet li fihom solitu jigu kommessi u ghalhekk l-ammissjoni tieghu timmerita konsiderazzjoni meta tkun akkumpanjata b'informazzjoni li kif jirrizulta tiffacilita l-kompitu indubbitament difficili tal-Pulizija li jintraccjaw l-origini ta' reati bhal dawn odjerni.

Il-Qorti in subjecta materja qabel xejn taghmilha cara li kull imputat jigi gudikat u f'kaz ta' l-ezistenza ta' responsabbilita kriminali

jigu penalizzat, unikament u esklussivament ghal konsegwnzi naturali tal-azzjonijiet tieghu mehudin fid-dawl ta' kull cirkostanza attenwanti u aggravanti li tirrizulta mill-process.

Dan qed jinghad ghaliex il-Qorti ma tridtx b'dan il-provediment taghti lil xi hadd jifhem li f'kaz ta' ammissjoni brikrija il-Qorti hija obbligata li tnaqqas il-piena. Il-kwistjoni ta' piena hija dejjem u f'kull kaz imholli fid-deskrizzjoni tal-Qorti.

Il-Qorti nnotat wkoll li apparti li l-imputat rrilaxxja stqarrija dettaljata huwa wkoll ammetta l-akkuzi fi stadju bikri tal-proceduri odjerni u cioe mal-presentata. Din wkoll hija fattur li timmitiga favur tieghu meta l-Qorti tigi biex tapplika l-piena peress li l-imputat la hela hin il-Qorti u wisq inqas hela flejjes pubblici.

Il-Qorti ezaminat wkoll l-fedina penali tieghu, liema fedina penali ghandha diversi kontravenzjonijiet registrati fuqha.

Illi jirrizulta lil l-imputat qabad t-triq tal-kriminalita meta kien ghad kellu biss hmistax il-sena kif jirrizulta mill-ewwel *conviction*

registrata fuqha u cioe fil-hamsa w ghoxrin ta' Lulju, 1994, meta kien deher quddiem il-Qorti tal-Minorenni w inghata ordni ta' probation ta' tlett snin.  Illi din il-fedina penali tirrifletti fuq il-karattru tal-imputat u cioe li l-istess imputat ghadu ma tghallimx mill-izbalji tieghu li jikser l-ligi u dan ghaliex jinsab ghal darb'ohra l-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

Fic-cirkostanzi minhabba s-suespost l-Qorti hija disposta taghti l-ahhar cans lil imputat biex jirriforma ruhu u jaqbad t-triq t-tajba sabiex jirrintegra ruhu fis-socjeta.

**Il-Qorti ghalhekk tiddikjara li qed tikkundanna lil imputat ANTON VASSALLO fuq l-akkuzi kollha misjub hati taghhom ghal hlas ta' multa ta' hames mitt lira maltin u tordna ai termini tal-artikolu 28(a)(2)(b) tal-Kodici Kriminali li l-ordni originali moghtija fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-ewwel ta' Frar, 2000 fejn inghata piena karcerarja ta' sentejn tigi sospiza ghal sentejn, u moghtija bis-sahha tas-subartikolu (1) tal-artikolu 28(A) tal-Kodici Kriminal, billi minflok il-perjodu**

**operattiv hemm specifikat, dan il-perjodu operattiv jigi estiz effettivament ghal erbgha (4) snin mill-lum.**

**In oltre il-Qorti qed tpoggi lil imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin taht is-supervizzjoni tal-Probation Officer Carmen Borg li ghandha tirrelata lil din il-Qorti kull sitt xhur dwar l-andament tal-imputat.**

**L-imputat probationer ghandu jobdi l-ordnijiet moghtija lilu mill-Probation Officer Carmen Borg u fin-nuqqas il-Qorti tesigi li tkun infurmata minnufih.**

**Il-Qorti spjiegat t-tifsira ta' din s-sentenza fi kliem car lil imputat u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lil Probation Officer Carmen Borg.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**